A.L. 83 ta' l-1989

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI

(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti għall-Grad ta' Baċillier ta' l-Inġinerija u l-Arkitettura (Bl-Unuri)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 29 ta' l-Att ta' 1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga r-Regolamenti li ġejjin maghmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att:—

Titolu fil-Qosor

Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejhu Regolamenti għall-Grad ta' Baċillier ta' l-Inġinerija u l-Arkitettura (Bl-Unuri) u għandhom japplikaw biss għall-kors li beda fi Frar 1982.

Id-Dħul

1. Biex ikun jista' jidħol għall-grad ta' Baċillier ta' l-Inġinerija u l-Arkitettura (Bl-Unuri), kandidat irid:

(i) jaqbel mal-provvedimenti tat-Taqsima 37 ta' l-Att ta' l-Edukazzjoni 1974;

(ii) jissodisfa l-Kwalifiki għad-dħul skond ir-Regolament 3 hawn isfel; u

(iii) itemm il-kors ta' l-istudji kif jingħad f'dawn ir-Regolamenti u jikkwalifika fil-Valutazzjoni.

It-Tul tal-Kors

2. Il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-grad ta' Baċillier ta' l-Inġinerija u l-Arkitettura jinfirex fuq seba' snin, u hu maghmul minn seba' semestri akkademiċi ta' mhux iżjed minn sitt xhur li jalternaw ma' seba' semestri ta' xogħol ta' mhux iżjed minn sitt xhur.

Kwalifiki għad-dħul

3. Kandidat jista' japplika biex jidħol għall-kors ta' l-Inġinerija u l-Arkitettura jekk għandu:

I Tliet ċertifikati fil-Livell Avvanzat bi Grad Ċ jew aħjar, jew ekwivalenti:

(i) fil-Matematika

(ii) fil-Fiżika, u

(iii) jew suġġett ieħor (l-aħjar jekk ikun l-Arti) mil-lista tas-suġġetti approvati,

jew ikun temm b'suċċess il-kors għall-"Architects' Assistants and Draughtsmen" mogħti mid-Dipartment ta' l-Edukazzjoni.

II Erba' ċertifikati fil-Livell Ordinarju, jew ekwivalenti.

Is-suġġetti mogħtija jridu jinkludu:

(a) Il-Malti (il-Matrikula ta' Malta)

(b) Il-Lingwa Ingliża,

(ċ) Għallinqas wieħed minn dawn: l-Għarbi, il-Franċiż, il-Ġermaniż, it-Taljan,

(d) Xi suġġett ieħor mil-lista approvata.

Għall-għan tad-dħul il-Fakultà tqis iċ-ċertifikat ta' l-"Architects' Assistants and Draughtsmen" ekwivalenti għal suġġett tal-Livell "A" bil-grad "A".

(N.B. Ebda suġġett ma jista' jkun offrut fil-Livell kemm "A" u "O".)

Il-Kurrikulu tal-Kors

4. Is-suġġetti tal-kors ta' l-Inġinerija u l-Arkitettura huma dawn:

L-Ewwel Sena (Semestru Akkademiku I)

Grafika u Komunikazzjoni
Materjali tal-Bini
Storja ta' l-Arkitettura
Stereotomija
Matematika
Socjoloġija
Ekonomija
Thermo/Fluids
Il-Kitba ta' Rapport Tekniku

It-Tieni Sena (Semestru Akkademiku II)

Storja ta' l-Arkitettura
Kostruzzjoni tal-Bini
Liġijiet Sanitarji
Studji Ambjentali (ta' Sħana, Dawl, Akustika)
Disinn Arkitettoniku (inkluża t-Tipoloġija)
Matematika
Idrawlika
Surveying
Mekanika Strutturali
Teknoloġija tal-Konkrit

It-Tielet Sena (Semestru Akkademiku III)

Liġijiet tal-Bini
Kostruzzjoni tal-Bini
Disinn Urbanistiku u Tfassil tal-Bliet
Disinn Arkitettoniku (inkluża t-Tipoloġija)
Matematika
Idrawlika
Surveying
Teorija ta' l-Istruttura
Teknoloġija tal-Konkrit
Servizzi tal-Bini

Ir-Raba' Sena (Semestru Akkademiku IV)

Disinn Urbanistiku u Tfassil tal-Bliet
Disinn Arkitettoniku (inkluża t-Tipoloġija)
Matematika

Idrawlika
Teorija ta' l-Istrutturi
Ġeoloġija
Studju tal-Mekkanika ta' l-Art
Disinn Strutturali

Il-Ħames Sena (Semestru Akkademiku V)
Arkitettura tal-Pajsaġġ
Disinn Arkitettoniku (inkluża t-Tipoloġija)
Teorija ta' l-Istrutturi
Studju tal-Mekkanika ta' l-Art u Inġinerija tal-Pedemanti
Idroloġija
Inġinerija ta' Xogħlijiet Marittimi
Disinn Strutturali
Disinn tat-Toroq

Is-Sitt Sena (Semestru Akkademiku VI)
Xogħlijiet ta' Restawr
Disinn Arkitettoniku (inkluża t-Tipoloġija)
Disinn Strutturali
Inġinerija/Disinn ta' Xogħlijiet Marittimi
Kostruzzjoni ta' Toroq
Inġinerija tas-Saħħa Pubblika
Stimi
Prattika Professjonali
Kejl u Kostruzzjoni tal-Bini

Is-Seba' Sena (Semestru Akkademiku VII)
Dissertazzjoni
Proġett tat-Teżi

Valutazzjoni

5. Valutazzjoni tax-xogħol ta' l-istudent matul kull semestru akkademiku ssir b'valutazzjoni kontinwa u b'eżamijiet skond il-kriterji mwaqqfa mill-Bord tal-Fakultà. Il-valutazzjoni kontinwa tista' ssir f'għamla ta' sessjonijiet tutorjali, xogħol fil-laboratorju, xogħol miktub, testijiet, proġetti u kull xogħol ieħor li l-istudent hu mistenni li jagħmel matul is-semestru ta' l-istudju.

6. Isiru l-eżamijiet fi tmiem kull semestru akkademiku. Eżaminaturi barranin ikunu inklużi fil-Bordijiet ta' l-Eżaminaturi fi tmiem is-semestru akkademiku fis-Seba' Sena.

Ir-Riżultati

7. Kull sena minbarra fl-aħħar Sena, il-valutazzjonijiet tas-semestru akkademiku jingabru flimkien u jkunu ppubblikati bhala riżultat wieħed u mogħtija l-gradi ta' A, B, Ċ, D, jew Weħel (*Fail*) għal kull student. Il-grad mogħti lil suġġetti differenti jista' jingħata lill-istudenti jekk jitolbuh, u dan konfidenzjalment.

8. Il-kandidati li jeħlu fl-aħħar sena tagħhom jistgħu jkunu eżaminati mill-ġdid fid-dissertazzjoni/proġett li jeħlu fih mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara tmiem is-semestru akkademiku finali tagħhom. Il-kandidati jikkwalifikaw biex jingħataw il-grad jekk itemmu b'suċċess l-aħħar sena tagħhom.

9. Fil-każ ta' kandidati li jirrepetu sena jew huma eżaminati mill-ġdid fi-qasam/fl-oqsma ta' l-aħħar sena, il-marka rispettiva li titmexxa 'l quddiem għall-klassifikazzjoni finali tal-grad tkun il-marka minima ta' minn jgħaddi.

10. Il-klassifikazzjoni finali tal-Grad għal kull kandidat li jgħaddi tinbena fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-kors u tiġi ppubblikata bħala riżultat wieħed f'dawn il-kategoriji:

L-Ewwel Klassi bl-Unuri, It-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Superjuri), It-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Inferjuri), It-Tielet Klassi bl-Unuri u Għadda (*Pass*).